# F'egħluq is-sena 1937

*Għaddiet sena oħra... ukoll fuq il-Għaqda tagħna— It-tieni ktieb tal-Ward ta' Qari Malti — Żwieġ f'qiegħ il-baħar — Mastru Rjus—Il-Malti "tal-Għaqda" għandu jkun bla ebda għelt. — "Il Berka" — Il-Bennejja tal-Malti — Tagħlim fuq is-Saħħa—Ix-Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti ta' l-Eġittu— Il-"Melita" ta' Tunes—Konkors ta' Poeżiji—Id-Dizzjunarju— Għaqda Drammatika Maltija—Is-sena riżqha tajjeb— Laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti--Membri Onorarji, akkademiċi u extra akkademiċi tal-Għaqda.*

Għaddiet sena oħra fuq id-dinja u fuq il-ħlejjaq kollha: għaddiet sena oħra li ġiebet magħha fuq kulħadd ferħ, sabar, ħsieb, inkwiet, gwaj. Kollox u kulħadd xjieħ sena oħra, fuq kollox u fuq kulħadd għaddiet, bħal ħolma, sena oħra, li għad illi hija u għaddejja minn fuqna ħassejna xi ftit it-toqol u l-gwaj tagħha b'dana kollu ma kinetx nieqsa, naħseb għal kulħadd, mill-faraġ u l-hena tagħha, u issa li marret inħarsu lejha b'ħarsa tqila, għajjiena u b'tama f'qalbna li, li ġejja jekk ma tkunx aħjar mill-oħra, l-anqas ma tkun agħar minnha. Għaddiet sena oħra wkoll fuq il-Għaqda tagħna, sena li fiha rat... naraw x'rat sabiħ fiha, din is-sena, il-Għaqda tagħna.

L-ewwel ma naraw x'sar fil-ħajja letterarja tal-Malti għax dak hu l-għan ewlieni tagħha l-Għaqda tagħna ! Sbatax-il-sena ilu twieldet il-Għaqda u l-għan ewlieni tagħha kien li twaqqaf u żżomm ortografija waħda u mbagħad li tmexxi 'l quddiem u toħroġ kotba tajba bil-Malti. Ta' l-ewwel, nižžu ħajr 'l Alla, temmitu u l-lum tinsab rasha mistrieħa minnu, tat-tieni, imbagħad,—it-tixrid ta' kitba tajba—qiegħed jieħu l-ħsieb kollu tagħha.

X'kisbet ma' tul din is-sena l-letteratura Maltija ? Ma' tul din is-sena kotba bil-Malti ħarġu bosta u aħna, fit-tliet ħarġiet l-oħra ta'*Il-Malti* ta' din is-sena, ma nqasniex li, sa fejn stajna u sa fejn konna nafu bihom, ma semmejnihomlkomx u ma għidniex xi ħaġa fuqhom aktarx fil-qosor. Issa biex nagħalqu s-sena sewwa naraw x'kotba oħra ħarġu ma' tul dawn l-aħħar tliet xhur.

Ktieb li hu, u jibqa', ta' isem kbir u mfittex fost minn għandu u jkollu għal qalbu l-letteratura maltija, li ħareġ daqs

xahar ilu, huwa t-tieni ktieb tal-"Ward ta' Qari Malti", miġbur minn Dun P.P. Saydon u Ġ. Aquilina. Ktieb ġmielu ta' 300 faċċata mimli b'ward ta' kull daqs u ta' kull riħa, imżewwaq bi lwien ta' kull xorta maqtugħ mill-ġnien tagħna, żgħir, iva, iżda sabiħ jekk mhux għal ħaġ'oħra għax huwa tagħna. Fih insibu kitba ta' madwar erbgħin kittieb malti biċċa ħajja u oħrajn mejta, maltin li qegħdin Malta u maltin li qegħdin Barra; fih poeżijiet sbieħ sew liriċi kemm drammatiċi, fih bċejjeċ ta' proża ta' kull xorta: ittri, taħdit, ġrajja, bċejjeċ ta' storja, bijografija u saħansitra traduzzjonijiet sbieħ ta' xi bċejjeċ minn awturi kbar barranija. Dan il-ktieb hekk imżewwaq, imdaqqas u mbejjen għall-ħtiġiet ta' tagħlim, nistgħu naħsbu kemm swielhom xogħol lil dawk iż-żewġ żgħażagħ, iżda dan ix-xogħol, tqil kemm hu tqil, għalihom ma setax ma kienx ħafif u ħelu, għax ix-xogħol ta' l-imħabba, ix-xogħol li nagħmlu mhux għall-qligħ ta' flus jew ta' unuri ta' din id-dinja iżda għall-ġid ta' għajrna, għall-ġieħ mhux tagħna nfusna iżda ta' ħutna, ta' lsienna, ta' artna, hu xogħol ħelu, ħafif, ta' hena l-iżjed kbira.

Barra minn dan ħarġu żewġ kotba żgħar ma' tul dawn l-aħħar tliet xhur li rridu nsemmu xi ħaġa fuqhom. Dawn il-kotba huma maħruġa u naħseb miktuba wkoll, minn wieħed li nħeba taħt l-isem V.E.K.A. Milli jidher dan V.E.K.A. bi ħsiebu joħroġ ġemgħa ta' kotba żgħar taħt l-isem ta' "Nofs siegħa ħolm fit-tieni ġenna ta' l-art"; jogħġobna l-ħsieb kemm jista' jkun u l-ewwel wieħed, "Żwieġ f'qiegħ il-baħar", laqatna ħafna: daqs f'waqtu, ortografija tajba, stil mexxej u sabiħ u ġrajja..... sabiħa għad li forsi mhix oriġinali għal kollox. L-iżjed li laqtuna huma sitt versi poeżija sbieħ li qiegħda fl-ewwel faċċata biex joqogħdu ma' l-isem tal-ġemgħa ta' dawn il-kotba u li bil-kemm ma kixfux lil min kitibhom:—

*Mat-tfajliet u ż-żgħażagħ l-oħra*
*int ukoll, Qarrej, mur strieħ*
*taħt is-Siġra fejn kull lejla*
*tidwi għanja ma' l-irjieħ;*
*int ukoll, Qarrej, mur isma'*
*ġrajjiet koroh, ġrajjiet sbieħ.*

It-tieni wieħed, "Mastru Rjus", ħabat jolqotna bħal ta' l-ewwel: ortografija tajba, kelma mexxejja u f'waqitha iżda s-soġġett......għadma ftit iebsa biex tgerrimha. Tinseġ ġrajja taċ-ċajt, tad-daħk hija ħaġa iżjed tqila milli wieħed jaħseb, wisq iżjed tqila milli tinseġ ġrajja li tolqot il-qalb. Kemm hu iżjed ħafif li tbikki milli li ddaħħak! Il-ġrajja ta'

Dun Kixott u tal-Baruni Munxosen,bl-esaġerazzjonijiet kollha tagħhom, huma mera ta' din il-kitba. V.E.K.A., b'*Mastru Rjus* tiegħu, ried jieħu xi ftit minnhom. Tajjeb. Aħna togħġobna din il-ħeġġa ta' żgħażagħ u nfaħħru u nħeġġu iżjed lil V.E.K.A. jissokta jtina minn dawn il-kotba.

Barra minn dawn il-kotba li semmejna hawn, jew fil-ħarġiet l-oħra ta' "Il-Malti", ħarġu kotba oħra u almanakki għas-sena l-ġdida miktuba bl-ortografija tagħna, iżda rridu nfakkru hawnhekk li biex ktieb ikun miktub b'"tal-Għaqda" mhux biss irid ikun miktub bl-alfabett tagħha iżda, u fuq kollox, irid ikun miktub b'malti tajjeb u skond ir-reguli ta' l-ortografija u tal-grammatka Maltija. Dan qegħdin ngħiduh għax spiss naraw minn dawn il-kotba u ġurnali li għal taparsi miktuba b'"tal-Għaqda" iżda ħlief il-"k" flok iċ-"ch" u l-"q" flok il-"k" ma ssib xejn tajjeb fihom. Dan mhux biżżejjed. Issa grammatiki u kitba oħra ta' tagħlim il-Malti għandna mhux ħażin u għalhekk wasal iż-żmien li kull ktieb u ġurnal miktub bil-Malti—l-iżjed biex ikun jistħoqqlu l-isem li hu miktub bil-Malti "tal-Għaqda"—għandu jkun miktub tajjeb u bla ebda għelt.

Hawn irridu nsemmu ġurnal malti, li għad li ma hux xi ġurnal letterarju huwa miktub b'malti tajjeb ħafna—l-iżjed għal dik li hi ortografija—u dan huwa "Il-Berka". (Għajb jaħasra li l-isem għadu miktub ħażin.) Fih insibu, barra minn reċensjonijiet tal-kotba tajba bil-Malti u artikoli oħra ta' kritika li juru ħeġġa kbira għal dak li hu lsien malti, bosta artikoli sbieħ u ta' tagħlim. F'din is-sena, barra minn ħwejjeġ oħra, dehret fih ġabra ta' bijografiji ta' ma' dwar 30 kittieb Malti, sew ħajjin kemm mejtin, taħt l-isem ta' "Il-Bennejja tal-Malti". Il-ħsieb ta' din il-ġabra tnissel meta miet Ġanni Vassallo u l-*Berka* ġiebet iż-żewġ artikoli fuqu li dehru fil-"Malti": tħajru mbagħad iġibu l-bijografiji ta' kittieba oħra. Ħabrek ħafna għaliha, din il-ġabra ta' bijografiji u kiteb ukoll xi wħud minnhom, il-ħabib tagħna, is-sur Nikol Biancardi. Fil-*Berka* ta' din is-sena wkoll bdiet ħierġa ġemgħa ta' artikoli fuq is-saħħa u l-ġisem tal-bniedem miktuba mill-ħabib tagħna Dr. Ġ. Bonnici, li bi ħsiebu wkoll, bħal ma tafu, jibda joħroġ "Ġabra ta' Kitba Maltija" ktieb kull tliet xhur, bħal ma qrajtu fil-"Malti" ta' Settembru li għadda; smajna, u jalla hu hekk, li dan ix-xogħol tiegħu fuq il-ġisem tal-bniedem sejjer jinġabar fi ktieb għalih.

Semmejna kemm-il darba l-ħidma ta' Maltin li qegħdin Barra għal Malta u għall-ilsien Malti u minn ta' l-ewwel dej-

jem semmejna t-tħabrik ta' Ivo Muscat-Azzopardi ta' Lixandra u ta' Toni Said ta' Port Said għax-"Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti" ta' l-Eġittu. Din is-sena, il-ħidma tagħhom, tat frott xejn inqas minn snin oħra. Ix-Xirka ħarġet, bħalma tafu, żewġ kotba sbieħ ħafna, *Minn Xtut in-Nil* u *L-akbar Imħabba* kif ukoll għadd speċjali ta' *Il-Qari Malti*. Għajb jaħasra li din ix-Xirka minn hawn Malta ma tantx sabet min jagħmlilha l-qalb ! imisshom il-kotba tagħha (li jinsabu għall-bejgħ għand Muscat tal-Kotba ta' Strada Mercanti, il-Belt) jinħatfu malli jaslu Malta. Issa ġa qiegħda taħseb biex toħroġ lil *Ċejlu Tonna* ta' Ġuże Muscat-Azzopardi. Ta' min jagħmlilhom il-qalb lil dawn il-ħabrieka billi wieħed imexxilhom kemm jista' minn dawn il-kotba tagħhom li, fl-istess ħin, huma sbieħ tassew. Irridu nfakkru wkoll li dawn ħutna l-Maltin ta' l-Eġittu mhux biss iħabirku biex joħorġu u jmexxu kotba bil-Malti imma—l-aqwa ħaġa u li ilhom jagħmluha ħafna—ma tiġihomx okkażjoni li ma jdaħħlux lil Malta u lill-ilsien malti u f'konferenzi u f'reċti u f'ġurnali u rivisti, imqar mhux bil-Malti, sa fuq ir-Radio u f'kull programm u avvis ieħor idaħħlu l-Malti. Temmnux li sa fil-programm uffiċjali tal-Koronazzjoni tar-Re u r-Reġina tagħna, irnexxielhom idaħħluh! Ta' min ifaħħarhom tassew !

Barra minn dawn il-ħbieb ta' l-Eġittu għandna bosta Maltin oħra mxerrdin mad-dinja li qatt ma jinsew lil Malta u lil ilsienna: fl-Awstralja, fl-Amerika.... iżda fosthom irridu nsemmu lil dawk ta' Tunes li din is-sena, bil-ħidma tal-ħabrieki Jean Vella, irnexxielhom joħorġu ġurnal bil-Malti u bil-Franċiż jismu "Melita". Lil dawn ukoll infaħħruhom b'qalbna kollha u nixtiqulhom riżq kbir u ħeġġa ġdida għas-sena li deħlin fiha.

Nerġgħu lura lejn Malta.

Kienet għada kif bdiet titqanqal ħeġġa ġdida għall-poeżija Maltija, meta qatta' żgħażagħ Maltin kienu tawha biex ikabbru u juru ħilithom fil-vers Malti, u sewwa sew ħmistax-il sena ilu, id-ditta Muscat nidiet l-ewwel konkors tagħha għall-aħjar poeżijiet bil-Malti biex iġġibhom fil-Pronostku ta' l-1924; minn dak in-nhar 'l hawn baqgħet tagħmilhom ta' kull sena u hekk ħafna żgħażagħ tħajru jew tħeġġu iżjed b'dawn il konkorsi u xi wħud minnhom il-lum huma kittieba tajba ta' versi maltin. Din is-sena tnieda konkors ieħor ta' poeżiji—din id-darba d-ditta "The Imperial Trading Co." ta' Birkirkara li sejra tagħti premjijiet sbieħ lill-aħjar tliet poeżijiet bil-Malti. Tajjeb ħafna ! Jalla nimxu 'l quddiem.

Xogħol kbir, iebes u sabiħ huwa d-Dizzjunarju Ingliż-Malti li qiegħed joħroġ il-Gvern u li din is-sena, tista' tgħid, beda joħroġ regolari faxxiklu fix-xahar: faxxikoli ta' sittax-il faċċata b'żewġ kolonni u tipi żgħar fihom materjal u fihom xogħol iżjed milli wieħed jaħseb! Għad li għadu fil-bidu għax għad l-anqas mhi lesta għal kollox l-ittra 'C'. mill-200 faċċata li ħarġu s'issa wieħed jista' jara x'xogħol fih u l-iżjed meta wieħed jiftakar li dan ix-xogħol qiegħed isir u jkun stampat fl-istess ħin—ħaġa li trid xogħol u attenzjoni kbira. Jalla jibqa' ħiereġ kif inhu ħiereġ.

Ma' tul din is-sena wkoll xi żgħażagħ ta' qalb imħeġġa tħajru—u, sa fejn nafu aħna, irnexxielhom—iwaqqfu Għaqda Drammatika Maltija. Qiegħed jitħabat għaliha Ġuże Diacono, student ta' l-Università, u ġa ltaqgħet bosta drabi u għaddiet l-istatut. Meta nibdew naraw il-frott tal-ħidma tagħha? Tgħid f'din is-sena stess li deħlin fiha?

Ma kinetx riżqha ħażin din is-sena! Fiha ħarġu kotba bil-Malti ta' tagħlim, reliġjon, mogħdija taż-żmien, fiha ħareġ ir-rumanz sabiħ *Żmien l-Ispanjoli* tat-Tabib Galea, fiha ħareġ il-ktieb sabiħ *Poetes Maltais* ta' Laurent Ropa li ssemma' u kien imfaħħar minn ġurnali ta' Franza, ta' Tunes u ta' bosta pajjiżi oħra u ssemma u ġie mfaħħar sa minn fuq ir-Radio, f'din is-sena l-Gvern qata' li jagħmel kattedra tal-Malti fl-Università u ħatar għaliha lill-Avukat Ġuże Aquilina, li kien ħa' l-ewwel premju tar-Rumanzi mniedi s-sena l-oħra mill-Gvern—żagħżugħ intelliġenti u għaqli u jħobb tassew il-Malti u li issa qiegħed Londra biex jitkisser fit-tagħlim ta' l-ilsna orjentali.

Qabel nispiċċaw irridu nsemmu wkoll li fl-aħħar jiem tas-sena ltaqa' l-Kumitat tal-Għaqda u għadda bosta xogħol, iżda qabel xejn għamel tifkira żgħira tas-Sur Ġann Vassallo, li kien membru tal-Kumitat, u mbagħad għadda x-xogħol li kellu jagħmel u fost dan ħatar lil Dr. A.V. Laferla President Onorarju flok il-mejjet Sir Temi Zammit, lis-Sinjuri Ivo Muscat-Azzopardi, Toni Said, Laurent Ropa u r-Rev. Ed. F. Sutcliffe membri Onorarji, u għadda wkoll xi membri akkademiċi ġodda.

Inġibu hawnhekk, u nagħalqu biha, il-lista sħiħa tal-membri Onorarji, Akkademiċi u extra Akkademiċi tal-Għaqda, kif kienet fl-aħħar tas-sena 1937.

Dr. Alb. V. Laferla O. B. E. *President Onorarju*
Mons. P. Galea I. C. D. *Viċi President Onorarju.*

*Membri Onorarji.*

Revd. C. L. Dessoulavy, Ph. D., Ivo Muscat-Azzopardi P.L., Ant. G. Said, Laurent Ropa, Revd. Ed. F. Sutcliffe S. J.

*Membri Akkademiċi u Extra Akkademiċi*

Agius Mario.
Agius Salvatore
Aquilina Ġużê LL.D.
Biancardi Nikola
Bonnici Ġusê B.Sc., M.D.
Borg Alf. M. (Kumitat)
Born Patri A., O.P.
Briffa Ros. B.Sc., M.D. (Kumitat)
Caruana F.S. (Segretarju u Kaxxier)
Chetcuti Jos.
Cilia Gius.
Cremona Ant. (Kumitat)
Delia Patri Gius., S.J.
Diacono Jos.
Farrugia Kan. G. M. (Kumitat)
Farrugia Sac. Dun Karm
Galea Gius. M. D., D. P. H. (Kumitat)
Gatt Gius.
Kissaun M.
Mejlak Mary
Micallef Gius. LL. D.
Micallef Gius. (Kumitat)
Mifsud Bonnici C., LL.D.
Mifsud Bonnici Feliċ
Mifsud Bonnici Rikard
Muscat-Azzopardi Gino
Pisani Ġorġ
Porsella Flores Gius. (Kumitat)
Psaila Mons. Dun Karm (President)
Ransley Geo. J.
Rapa Patri Piju, O. P.
Sant Karmnu
Saydon Dun P. P. Prof. (Viċi President)
Vassallo Arturo
Vassallo Karmnu
Vella E. B.

F. S. C.